MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 99/2012

**Raymond Farrugia, Ruth Farrugia, Annette Emanuelle Bezzina, Christopher Bezzina, Carmen Debattista, Vincent Debattista, Antoinette Farrugia**

**vs**

**IP Investors Limited (C-41871) u Aaron Galea f'ismu proprju**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Raymond Farrugia, Ruth Farrugia, Annette Emanuelle Bezzina, Christopher Bezzina, Carmen Debattista, Vincent Debattista u Antoinette Farrugia, li permezz tieghu, wara li ppremettew illi:

Permezz ta' kuntratt datat 30 ta' Awissu 2007 (Dok. A hawn anness), ir-rikorrenti Raymond u Ruth konjugi Farrugia dahlu fi ftehim mas-socjeta' konvenuta li

permezz tieghu, ir-rikorrenti ghaddew is-somma ta’ Lm15,000 ossia €34,940.60 lis-socjeta’ konvenuta (ara kopja ta’ cekk hawn anness u mmarkat Dok. B) u dan sabiex is-socjeta’ konvenuta tirregistra lill-istess rikorrenti ma’ terzi bhala azzjonisti f’socjeta’ Bulgara bl-iskop li tigi akkwistata u zviluppata art gewwa l-Bulgarija bi qliegh ghar-rikorrenti Farrugia u terzi;

Permezz ta’ kuntratt datat 7 ta’ Awissu 2007 (Dok. C hawn anness), ir-rikorrenti Anette Emanuelle u Christopher konjugi Bezzina dahlu fi ftehim mas-socjeta’ konvenuta, li permezz tieghu, ir-rikorrenti ghaddew is-somma ta’ Lm8,000 ossia €18,634.99 lis-socjeta’ konvenuta (ara kopja ta’ cekk hawn anness u mmarkat Dok. D) u dan sabiex is-socjeta’ konvenuta tirregistra lill-istess rikorrenti ma’ terzi bhala azzjonisti f’socjeta’ Bulgara bl-iskop li tigi akkwistata u zviluppata art gewwa l-Bulgarija bi qliegh ghar-rikorrenti Bezzina u terzi;

Permezz ta’ kuntratt datat 7 ta’ Awissu 2007 (Dok. E hawn anness), ir-rikorrenti Carmen u Vincent konjugi Debattista dahlu fi ftehim mas-socjeta’ konvenuta, li permezz tieghu, ir-rikorrenti ghaddew is-somma ta’ Lm5,000 ossia €11,646.87 lis-socjeta’ konvenuta (ara kopja ta’ cekk hawn anness u mmarkat Dok. F) u dan sabiex is-socjeta’ konvenuta tirregistra lill-istess rikorrenti ma’ terzi bhala azzjonisti f’socjeta’ Bulgara bl-iskop li tigi akkwistata u zviluppata art gewwa l-Bulgarija bi qliegh ghar-rikorrenti Debattista u terzi;

Permezz ta’ kuntratt datat 7 ta’ Awissu 2007 (Dok. G hawn anness), ir-rikorrenti Antoinette Farrugia dahlet fi ftehim mas-socjeta’ konvenuta, li permezz tieghu, ir-rikorrenti ghaddiet is-somma ta’ Lm20,000 ossia €46,587.47 lis-socjeta’ konvenuta (ara kopja ta’ cekk hawn anness u mmarkat Dok. H) u dan sabiex is-socjeta’ konvenuta tirregistra lill-istess rikorrenti ma’ terzi bhala azzjonisti f’socjeta’ Bulgara bit-tir li tigi akkwistata u zviluppata art gewwa l-Bulgarija bi qliegh ghar-rikorrenti Farrugia u terzi;

Ghalhekk, ir-rikorrenti kumulattivament ghaddew lis-socjeta' konvenuta, is-somma ta' €111,809.92;

Il-konvenut Aaron Galea kien id-direttur tas-socjeta' konvenuta IP Investors Limited u kien ukoll id-direttur ta' l-allegata socjeta' Bulgara, li taghha kellhom ikunu azzjonisti r-rikorrenti;

Il-konvenut Aaron Galea nnegozja direttament mar-rikorrenti u hajjarhom iqeghdu flusom mas-socjeta' tieghu konvenuta;

Il-konvenut Aaron Galea huwa l-beneficjarju assolut tas-socjeta' konvenuta;

Il-konvenut Aaron Galea ta garanzija personali diversi drabi lir-rikorrenti fuq dan in-negozju u ripetutament assigurahom li kull ma gie maqbul u mhallas kien ser jigi onorat;

Il-konvenuti baqghu jassiguraw lir-rikorrenti illi l-kuntratt kien ser jigi esegwit u dan permezz ta' diversi ittri u emails li baqghu jintbaghtu sas-sena 2010 meta f'daqqa ntemmet kull komunikazzjoni mill-konvenuti;

Is-socjeta' konvenuta kienet, baqghet u ghadha kuntrattwalment inadempjenti u ma tat ebda rendikont ta' fejn marru l-flus lilha mghoddija;

Aaron Galea qarraq bir-rikorrenti u ddefrawda lir-rikorrenti peress li wara li kkonvinca lir-rikorrenti jhallu l-flus mas-socjeta' konvenuta tieghu, fuq insistenza u garanzija personali tieghu, fizikament immizapproprja u ha l-flus imsemmija ghall-uzu personali tieghu;

Interpellati diversi drabi ghar-rifuzzjoni tas-somma, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Giet intavolata kwerela kontra l-konvenut Aaron Galea ta' frodi (ara Dok. I hawn anness);

Ir-rikorrenti jafu b'dawn il-fatti personalment;

Sa fejn jafu r-rikorrenti, l-intimati ma ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu kontra t-talbiet ta' l-istess rikorrenti;

Ghaldaqstant, ghal dawn il-proceduri, huma applikabbli d-dispozizzjonijiet ghad-dispensa mis-smiegh tal-kawza ai termini ta' l-artikoli 167 *et seq* tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Talbu l-intimati jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara illi r-rikorrenti huma kredituri ta' l-intimati solidalment jew min minnhom fis-somma ta' €111,809.92 oltre imghax skont il-ligi mid-data ta' l-iffirmar tal-kuntratti relattivi mar-rikorrenti;

Tordna lill-intimati jew min minnhom ihallsu lir-rikorrenti is-somma ta' €111,809.92, flimkien ma' l-interessi skont il-ligi mid-data ta' l-iffirmar tal-kuntratti relattivi mar-rikorrenti.

Bl-ispejjez.

Rat li, ghalkemm debitament notifikati, l-intimati ma ressqu ebda twegiba.

Rat id-dokumenti.

Semghet ix-xhud.

Peress illi r-rikorrenti rnexxielhom jippruvaw ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti sal-grad rikjest mil-ligi illi t-talbiet taghhom huma gustifikati u ghandhom jintlaqghu.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejjez u interessi kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------